

31976L0769

27.9.1976

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 262/201

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Lulju 1976

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi

(76/769/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Billi kwalunkwe regoli li jikkonċernaw it-tpoġġija fis-suq ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi għandhom ikollhom il-għan li jiproteġu lill-pubbliku, partikolarment persuni li jużaw dawn it-tipi ta' sustanzi u preparazzjonijiet;

Billi għandhom jikkontribwixxu għall-protezzjoni ta' l-ambjent mis-sustanzi u l-preparazzjonijiet li għandhom karatteristiċi ta' tossiċità ekoloġika jew li jistgħu iħammġu l-ambjent;

Billi għandhom ukoll ikollhom l-għan li jsaħħu, jippreservaw u jtejbu l-kwalità tal-ħajja umana;

Billi sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi huma rregolati b'liġijiet fl-Istati Membri; billi dawn ir-regoli huma differenti skond il-kundizzjonijiet tas-suq u l-użu tagħhom; billi dawn id-differenzi joħlqu ostaklu għall-kummerċ u jaffettwaw direttament is-seħħ u l-mod kif jaħdem is-suq komuni;

Billi dan l-ostaklu għandu għalhekk jiġi mneħħi; billi dan iġib miegħu l-approssimazzjoni tal-liġijiet li jirregolaw din il-materja fl-Istati Membri;

Billi dispożizzjonijiet li jirrigwardjaw ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi diġà ġew stabbiliti fid-Direttivi tal-Komuni-

tà; billi għad hemm il-bżonn li jinħolqu regoli għal prodotti oħra, b'mod partikolari dawk li għalihom l-organizzazzjonijiet internazzjonali għamlu restrizzjonijiet bħal ma huma l-bifenili poliklorinati (PCB), deċiżjoni li tirrestrinġi l-produzzjoni u l-użu li kien adottata mill-Kunsill ta' l-OECD fit-13 ta' Frar 1973; billi miżura bħal din hija neċessarja biex il-ġisem uman ma jiblgħax il-PCB u b'hekk jiġi evitat il-periklu għas-saħħa tal-bniedem;

Billi studji dettaljati wrew li l-terfenili poliklorinati (PCT) jgħibu riskji simili bħal dawk tal-PCB; billi s-suq u l-użu ta' sustanzi bħal dawn għandhom wkoll jiġu restritti;

Billi jkun hemm il-bżonn, barra minnhekk, li kultant żmien jirrevedu l-problema bil-għan li gradwalment jersqu għat-tneħ-hija sħiħa ta' PCB u PCT;

Billi l-użu tal-*chloro-1-ethylene (monomer vinyl chloride)* bħala propellant minn aerosol jinvolvi perikli għas-saħħa umana u għalhekk l-użu tiegħu għandu jkun ipprojbit

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet l-oħra relevanti tal-Komunità, din id-Direttiva għandha l-għan li tillimita l-marketing u l-użu fl-Istati Membri tal-Komunità, tas-sustanzi u l-preparazzjonijiet perikolużi elenkati fl-Anness.

<sup>(1)</sup> ĠU Ċ 60, 13.3.1975, p.49.

<sup>(2)</sup> ĠU Ċ 16, 23.1.1975 p.25

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:
- għat-trasport tas-sustanzi u l-preparazzjonijiet perikolużi bil-ferrovija, bit-triq, bil-passaġġi fuq l-ilma interni, bil-baħar jew bl-ajru;
  - sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi esportati lejn pajjiżi mhux membri;
  - sustanzi u preparazzjonijiet suġġetti għall-ispezzjoni tad-dwana waqt li jkunu jinġarru, basta ma jgħaddu mill-ebda proċess.
3. Għal fini ta' din id-Direttiva:
- "sustanzi" ifissru elementi kimiċi u l-kompożizzjonijiet kif iseħħu fl-istat naturali jew kif huma prodotti fl-industrija;
  - "preparazzjonijiet" tfisser preparazzjonijiet ta' soluzzjonijiet magħmula minn żewġ sustanzi jew aktar.

#### Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jassiguraw li s-sustanzi u l-preparazzjonijiet perikolużi elenkati fl-Anness jistgħu biss jitħallew fis-suq jew jiġu użati skond il-kondizzjonijiet speċifikati hemmhekk. Dawn it-tipi ta' restriz-

zjonijiet m'għandhomx japplikaw għas-swieq jew l-użu tar-Riċerka u l-Iżvilupp jew għal għanijiet ta' analiżi.

#### Artikolu 3

- L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex ikunu konformi ma din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u jinformaw minnufih b'dan lill-Kommissjoni.
- L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kommissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw f'dan il-qasam kopert b'din id-Direttiva.

#### Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

M. van der STOEL

## ANNEX

**Deskrizzjoni tas-sustanza, tal-gruppi ta' sustanzi jew ta' preparazzjonijiet**

1. — Bifenili poliklorinati (PCB), minbarra mono-u bifenili diklorinati.
  - Terfenili poliklorinati (PCT)
  - Preparazzjonijiet bil-kontenut ta' PCB jew PCT ogħla minn 0.1 % bil-piż.

2. Chloro-l-ethylene (monomer vinyl chloride)

**Kondizzjonijiet ta' restrizzjoni**

M'għandhomx jintużaw jekk mhux f'dawn il-kategoriji li ġejjin:

1. apparat elettriku b'ċirkuwitu magħluq; transformers, reżistenzi u indutturi;
2. kondensaturi kbar (= 1 kilo ta' piż totali);
3. kondensaturi żgħar (basta l-PCB jkollu kontenut massimu ta' 43 % u ma jkollux aktar minn 3.5 % ta' penta- jew ikbar bifenali klorinati).

Kondensaturi żgħar li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet ta' hawn fuq, jistgħu jitħallew fis-suq għal sena mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Din id-Direttiva ma tapplikax għal kondensaturi żgħar li diġà qed jkunu wżati;

4. fluwidi li jittrasmettu s-sħana f'ċirkuwiti magħluqa f'istallazzjonijiet ta' trasferiment tas-sħana (minbarra l-istallazzjonijiet għall-ipproċessar ta' l-oġġetti ta' l-ikel, għalf tal-bhejjem, prodotti farmaċewtiċi u veterinarji; madankollu, jekk PCB ikunu wżati fl-istallazzjonijiet msemmija hawn fuq fiż-żmien tan-notifika ta' din id-Direttiva, jistgħu jibqgħu jiġu wżati sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1979);
5. fluwidi idrawliċi użati fi:
  - (a) apparat ta' mini ta' taħt l-art
  - (b) makkinarju għaċ-ċelloli (c) għall-produzzjoni elettrolitika ta' l-aluminium, fl-użu meta din id-Direttiva tkun adottata, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1979;
6. prodotti primarji u intermedjarji li jiġu pproċessati fi prodotti oħra li m'humiex ipprojbiti minn din id-Direttiva.

Ma jistgħux jiġu wżati fl-ebda każ. bħala *propellant* fl-*aerosol*